MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 138/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Luke Bonello)**
**Vs**
**Rembrandt Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 300178(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta ta' 07.45 hrs gewwa Triq Sant Andrija, San Giljan hebb ghal Branislav Vukovic sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati u immultatu amenda ta' tmienja u hamsin Ewro (€58).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha gentilment

thassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata u dan billi ssib lill-appellant mhux hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

Illi s-subartiklu (2) ta’ l-artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jitkellem car, u jezigi li sabiex tohrog akkuza taht is-subinciz (d) tas-subartiklu (1) ta’ l-artikolu 339, hija mehtiega l-kwerela tal-parti leza; tali kwerela hija nieqsa u mhux talli hekk, tall l-allegata parti leza cahdet Ii riedet taghmel kwalsiasi rapport jew kwerela;

Illi l-avukat sottoskritt jiddikjara, u lest li jikkonferma bil-gurament tieghu, illi waqt il-kontroezami ta’ l-allegata parti leza, l-avukat sottoskritt staqsa lix-xhud Vukovic jekk huwiex minnu li x-xhud ghamel ir-rapport tieghu xahar wara li nqala’ l-incident allegat, u li ghamel tali rapport biss meta ra li ser jittiehdu passi kontra tieghu dwar il-hsara fil-vettura ta’ l-akkuzat; in risposta ghal tali domanda, ix-xhud stqarr li huwa ma ghamel l-ebda rapport, li huwa semplicement ta l-verzjoni tieghu ta’ kif raw il-fatti. u li huwa qatt ma kellu ebda intenzjoni li jiehu passi kontra l-akkuzat;

Illi tajjeb li jigi rilevat, u l-avukat sottoskritt jista’ jikkonferma anke dan bil-gurament tieghu, illi, hekk kif ix-xhud ghamel tali dikjarazzjoni, l-avukat sottoskritt talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruhha; madanakollu, il-Qorti ddikjarat illi ladarba kienet digà bdiet tisma’ l-provi, kienet ser tipprocedi, u ordnat lill-avukat sottoskritt ikompli bil-kontroezami ta’ l-allegata parti leza; fit-trattazzjoni finali, gie rilevat ukoll illi akkuza taht l-art.339(1)(d) tista’ titmexxa biss bil-kwerela tal-parti leza, li ma rrizultatx;

Illi l-art.339(2) jitkellem car, u mhux talli jezigi li jsir rapport mill-allegata parti leza, talli addirittura tezigi l-kwerela miktuba. Tali kwerela hija nieqsa, u hija niesqa mhux b'xi vista, imma proprju ghaliex l-allegata parti leza. kif iddikjarat hi stess, qatt ma kellha ebda intenzjoni li tipprocedi kontra l-akkuzat bi proceduri kriminali jew bi proceduri ohra;

Illi l-allegata parti leza naqset milli taghraf lill-akkuzat, u ghalhekk ma rrizultatx il-prova mehtiega mill-ligi sabiex l-akkuzat jigi identifikat u misjub hati ta' l-akkuza;

Illi fil-bidu nett tax-xhieda tieghu, ix-xhud Vukovic gie mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk jaghrafx fl-awla lill-allegat agressur tieghu; ix-xhud ma wegibx id-domanda u regghet saritlu l-istess domanda mill-Qorti; fl-ahhar, ix-xhud qal li jiftakar li l-aggressur tieghu kien qasir u waqaf hemm. Mistoqsi mill-gdid mill-prosekuzzjoni sabiex jerga' jhares sewwa u jghid jekk jaghrafx fl-awla lill-agressur tieghu, ix-xhud zied jghid illi jiftakar ukoll illi l-aggressur tieghu kien bla xahar jew keilu xaharu hafif, izda baqa' jhares lejn l-akkuzat u baqa' ma qalx li qieghed jaghrfu;

Illi huwa minnu li l-akkuat huwa iqsar mill-allegata parti leza, u huwa minnu li l-akkuzat ghandu xaghru hafif; izda l-esponent jissottometti li fuq il-bazi ta' xhieda simili, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx issib li l-akkuza giet ippruvata sal-grad mehtieg mill-ligi, u wisq anqas setghet issib li l-akkuza giet ippruvata minghajr ebda dubju; u li ghalhekk kienet obbligata li tillibera lill-akkuzat.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid li minnha jirriżulta dan li ġej.

Branislav Vucovic qal li kien imsejjeħ fl-għassa tal-Pulizija u huwa ddeskriva x'kien ġara waqt li kien qed jieħu lit-tfal tiegħu l-iskola. Huwa kien qed isuq normali meta l-appellant imblukkah u beda jċaqlaq il-karozza tal-appellant. L-appellant fetaħ i-ttieqa tal-karozza , ħareġ mill-karozza u l-appellant ġibdu mill-qmis tiegħu waqt li qallu wkoll li x-xhud kien kisser il-mera tal-appellant. Ix-xhud qal li ma kien kisser xejn. L-appellant infurmah li kien ser imur jagħmel rapport l-għassa.

Xi xahar wara, l-pulizija marru d-dar tax-xhud u qalulu beix jieħu l-karozza tiegħu ħalli jispezzjonawha. Il-pulizija ma sabu ebda brix. Il-Pulizija talbuh jagħti dettalji dwar dak li kien ġara u hekk kien għamel. Fis-sena 2012 huw akien imsejjaħ darbtejn – fit-8 u fid-9 ta' Marzu – u kien aħreġ liberat. Wara din id-data huwa ma kellux aktar l-intenzjoni li jieħu passi kontra l-appellant.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk huwa kienx talab lill-Pulizija jieħud azzjoni, ix-xhud wieġeb fin-negattiv.

Ix-xhud qal ukoll li l-inċident seħħ f'post pubbliku, fi-triq qrib Luxol Sports Hall. Huwa kien imblukkat u ma setax isuq.

Fil-kontro-ezami huwa kien mistoqsi jekk kienx ftakar lill-appellant meta x-xhud kien qed jixhed fil-Qorti tal-Maġistrati. Huwa wieġeb li f'dak il-mument ma keinx għarfu għax hu kien ixxukkjat. Kien qed jieħu t-tfal tiegħu l-iskola u dawn twerwru. Imma mbagħad kien għarfu u kien iddeskrivejtu lill-Qorti bħala bniedem qasir u bla xagħar.

U hawn saret mistqosija oħra mid-difiża u kien hemm din it-tweġiba:

'Defence: Yes but when you looked at Mr Fenech do you recall that you did not recognise him?

Witness? At that particular moment no but when I looked yes I did. I can also describe his car and everything else.'

Xehed ukoll PS 1030 Clint Theuma li qalli kien hemm ħabta fejn xufier minnhom mar jagħmel rapport l-għassa ta' tas-Sliema u mhxu ta' San Ġiljan. Iżda minħabba li d-distrett kien ta' San Ġiljan kompla jaħdem il-każ hu. Kien infurmat mis-surġet ta' tas-Sliema li wieħed minnhom kellu 'complaint' għaliex ix-xufier ta' vettura minnhom kien aggressiv fil-konfront tax-xufier l-ieħor.

Branislav Vokuvic kien mar l-għassa. Dan tal-ħħar qal li kellu inċident fejn żewġ karozzi kienu missew il-mera ta' xulxin bil-karozza. Il-persuna l-oħra ħarġet għalih u kien ser iħebb għalih. Kien qallu wkoll li ried jieħu azzjoni għax beda jibża' minn Rembrandt Fenech u beda jħossu mhedded minn din il-persuna.

Fil-kontroeżami l-Ispettur qal li kienu bagħtu għal dan ix-xhud dak in-nhar stess jew ftit jiem wara u mill-ewwel kien mar l-għassa. Qabel kien amr jagħmel rapport l-gaħssa tal-Pulizija ta' tas-Sliema. L-għassa ta' Tas-Sliema kienu bagħtu għal Vokuvic u mhux mar hu minn jheddu. Lill-ispettur kien għamillu enfasi beix jittieħdu passi u beda jżomm lis-surġent responsabbli u widdbu li jekk ma jagħmilx hekk, ifittex lill-pulizija. Ma kienx hemm bżonn ta' kwerela la ġie u talab lill-Pulizija beix tmexxi. L-appellant kein ħebb għax-xhud, għajru u offendih bil-familja.

Mir-road traffice accident report jirriżulta li kien sar rapport minn Rembrandt Fenech fil-21 ta' Diċembru 2011 li persuna ta' nazzjonalita' barranija kienet laqtet il-karozza tiegħu u baqgħet sejra. Imbagħad iltaqgħu fi stop sign u huwa kien informa lix-xufier ta' nazzjonalita' barranija b'dak li kien ġara. Iżda x-xufier barrani nnega kollox.

Skont dan ir-rapport kien hemm ħsara fuq il-mera.

Ir-rapport kien updated minn PS 1030 (id-data mhix indikata) meta kien imsejjaħ Branislav Vukovic li qal li huwa kien qed isuq fil-karreġġjata tiegħu u ma kien sema' xejn. Imbagħad xi ħadd waqqfu u din ik-persuna li hu ma kienx jaf bdiet tolqot il-karozza ta' dan Branislav Vukovic. Dana beda joffenidh, qabdu minn għonqu u beda wkoll jaħlef u jidgħi quddiem it-tfal. Din il-persuna qaltlu li kienet sejra tirrapurtah. Ma kienet tidher ebda ħsara fuq il-vettura BGD-011.

### L-Ewwel Aggravju: Il-Ħtieġa tal-Kwerela

Fiċ-ċitazzjoni tal-appellant, l-unika imputazzjoni hija dik li taqa' taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 li skont is-subinċiż (2) tal-istess artikolu jinħtieġ il-kwerela tal-parti.

Din  il-kwerela tista’ ssir kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm skont ma jiddisponu l-artikoli 538 u 539 tal-Kap 9.

Il-Qorti temmen il-verżjoni ta’ PS 1030, li xehed quddiem il-Qorti,  li Branislav Vukovic kien talbu biex jittieħdu passi kontra Rembrandt Fenech.  U għalhekk il-kwerela saret kif trid il-Liġi.

Issa l-artikolu 373 tal-Kap 9 jiddisponi kif ġej:

**‘373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:**

**Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax. titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma’ reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma  jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista’ tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.’**

Hekk ukoll intqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija vs Anthony Pisani’ tal-15 ta’ Novembru 1984 minn din il-Qorti diversament preseduta:

‘Meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bil-kwerela tal-parti offiża u r-reat ma jkunx sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma’ reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku u din il-kwerela ma tirriżultax mill-atti tal-proċess, dan ma jfissirx li l-proċeduri huma nulli.  Jekk l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkux espressament irrinunzja għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-pulizija tista’ tmexxi l-azzjoni ex ufficio dwar ir-reat.’

F’dan il-każ mill-proċess minn imkien m’hemm xi indikazzjoni li l-kwerelant kien neħħa l-kwerela tiegħu

sakemm instemgħet il-kawża tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-8 u fid-9 ta' Marzu 2012. Issa wkoll jekk dak in-nhar kien liberat u allura ma kellux aktar interess fil-proċeduri kontra l-appellant, dan kien tard wisq. Jekk Branislav Vukovic talab li jitteħdu passi **u ma rrinunzjax għalihom fi żmien erbat ijiem minn meta seħħ l-inċident, il-Pulizija segħet tmexxi ex-uffiċio**. **Lanqas ma jirriżulta li mexxa l-azzjoni kriminali hu.**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-Tieni Aggravju – L-Għarfien tal-appellant.**

Id-difiża nsistiet li Branislav Vukovic ma kienx għaraf lill-appellant meta kien qed jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat.

Mix-xhieda li kienet reġistrata quddiem din il-Qorti, jirriżulta li Branislav Vukovic ma keinx għaraf lill-appellant meta seħħ l-inċident u dan minħabba li x-xhud kein eċċitat. Imma mbagħad meta l-Qorti staqsietu biex jiddeskrivi lill-aggressur huwa qal li dan kien qasir u bla xagħar. U fl-aħħar parti tal-kontro-eżami huwa qal li li f'dak il-mument partikolari huwa ma kienx għarfu iżda meta ħares għarfu. (Ara l-mistoqsija u tweġiba riġrodotti aktar 'il fuq). Fi ftit kliem minn dak li qal ix-xhud quddiem din il-Qorti, huwa ma kienx għaraf lill-appellant fil-mument tal-aggressjoni, iżda fil-Qorti tal-Maġistrati huwa kien għarfu.

Għal dak li hu mertu, il-Qorti temmen il-verżjoni li ta Branislav Vukovic. Din ma kenitx kontradetta b'xi xhieda oħra.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Marzu 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------